

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2007

li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar

(2007/739/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u l-Federazzjoni Russa ⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem "il-PCA", daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997.
- (2) L-Artikolu 21(1) tal-PCA jipprevedi li l-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar jiġi rregolat mit-Titolu III ta' dan il-Ftehim, għajr għall-Artikolu 15 tiegħu, u mid-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar arranġamenti kwantitattivi.
- (3) Għas-snin 1995-2006, il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar kien is-suġġett tal-ftehimiet bejn il-Partijiet għall-PCA. Għalhekk huwa xieraq li jiġi konkluż ftehim ġdid li jqis l-iżviluppi fir-relazzjoni bejn il-Partijiet.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.
2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fil-Lussemburgu, 22 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. SILVA

(¹) ĠU L 327, 28.11.1997, p. 3.